MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-8 ta' Lulju, 2004

Citazzjoni Numru. 416/2004

**Dr. Joseph A. SCHEMBRI bħala mandatarju speċjali ta' Christopher SHARP**

**vs**

**Dr. Patrick SPITERI u martu Sylvana SPITERI**

**Il-Qorti:**

Rat l-att taċ-Ċitazzjoni mressaq fl-4 ta' Ġunju, 2004, li bih l-attur nomine wara li ppremetta:

Illi l-konvenuti huma debituri tal-attur fis-somma komplessiva ta' tlieta u għoxrin elf u ħames mitt lira maltin (Lm23,500) u dana kif jidher mill-kostituzzjoni ta' debitu hawn anness u mmarkat bħala Dok. CS1;

Illi l-konvenuti naqsu milli jeffettwaw il-pagament nonostante illi hekk intrabtu illi jagħmlu fl-imsemmija

skrittura (Dok.CS1), u baqgħu hekk inadempjenti minkejja diversi talbiet għall-ħlas anki da parti tal-konsulent legali ta' l-attur;

Illi dan id-debitu huwa ċert, likwidu u dovut u fl-opinjoni tal-attur, il-konvenuti m'għandhomx eċċezzjonijiet x'jagħtu u għalhekk il-kawża tista' tiġi deċiża ai termini tal-Artiklu 167 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili;

Għalhekk l-attur nomine talab lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex:

1. Taqta' u tiddeċiedi l-kawża ai termini tal-Artiklu 167 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili u ċioe bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża; u

2. Tikkundannhom iħallas lill-attur fil-kwalita' tiegħu premessa is-somma ta' tlieta u għoxrin elf u ħames mitt lira maltin (Lm23,500) – kollox skond kif intqal fuq u għar-raġunijiet fuq premessi;

Bl-imgħax legali kalkolabbli mill-20 ta' Lulju 2003 u bl-ispejjeż kontra l-konvenuti li minn issa jibqgħu nġunti għas-subizzjoni tagħhom;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda ta' l-attur nomine;

Rat in-nota tal-konvenuti li biha ammettew it-talba kif dedotta fiċ-ċitazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti t-talba dedotta fiċ-ċitazzjoni tirriżulta pruvata;

**Fuq ammissjoni tal-konvenuti tiddeċiedi billi tilqa' t-talbiet ta' l-attur nomine** kif dedotti fiċ-ċitazzjoni bl-ispejjeż kontra l-konvenuti.

**Moqri**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------